

## Dispożittiv

- 1) Billi ma kkomunikatx il-pjanijiet u l-qafas meħtieġa mill-Artikolu 11 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/59/KE, tas-16 ta' Settembru 1996, dwar ir-rimi ta' polychlorinated biphenyls u polychlorinated terphenyls (PCB/PCT), ir-Repubblika ta' Malta naqset mill-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 11, moqri flimkien ma' l-Artikolu 54 ta' l-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' l-addeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungaria, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polenja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea.
- 2) Ir-Repubblika ta' Malta hija kkundannata tbat i-l-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 56, 10.3.2007.

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-6 ta' Diċembru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ferriere Nord SpA

(Kawża C-516/06 P) (<sup>1</sup>)

(Appell — Kompetizzjoni — Deċiżjoni tal-Kummissjoni — Multa — Infurzar — Regolament (KEE) Nru 2988/74 — Perijodu ta' limitazzjoni — Att li jagħti lok għal dannu — Inammissibbiltà)

(2008/C 22/24)

Lingwa tal-proċedura: It-Taljan

## Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: V. Di Bucci u F. Amato, aġġenti)

Parti l-oħra fil-kawża: Ferriere Nord SpA (rappreżentanti: W. Viscardini u G. Donà, avukati)

## Suġġett

Appell kontra s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (L-Ewwel Awla) tas-27 ta' Settembru 2006, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (T-153/04), li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza annullat id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni kkomunikati b'ittra tal-5 ta' Frar 2004 u b'faks tat-13 ta' April 2004, dwar il-bilanċi mhux imħallas tal-multa imposta fuq Ferriere Nord SpA permezz tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/515/KEE, tat-2 ta' Awwissu 1989, dwar proċedura ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 85 tat-Trattat KEE (IV/31.553 — Materjali wweldjati)

## Dispożittiv

- 1) Is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tas-27 ta' Settembru 2006, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (T-153/04), hija annullata.
- 2) Ir-rikors għal annullament ta' Ferriere Nord SpA kontra d-deċiżjoni nistax tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, innotifikati b'ittra tal-5 ta' Frar 2004 u b'faks tat-13 ta' April 2004, dwar il-bilanċi mhux imħallas tal-multa imposta fuq Ferriere Nord SpA permezz tad-Deċiżjoni 89/515/KEE tal-Kummissjoni, tat-2 ta' Awwissu 1989, dwar proċedura ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 85 tat-Trattat KEE (IV/31.553 — Materjali wweldjati), huwa inammissibbli.
- 3) Ferriere Nord SpA hija ordnata tbat i-l-ispejjeż relatati maż-żeġw istanzi.

(<sup>1</sup>) ĠU C 42, 24.2.2007.

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tad-29 ta' Novembru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju ta' Spanja

(Kawża C-6/07) (<sup>1</sup>)

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2002/74/KE — Protezzjoni ta' l-impiegati — Insolvenza ta' min iħaddem)

(2008/C 22/25)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

## Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Enegren u R. Vidal Puig, aġġenti)

Konvenut: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: F. Díez Moreno, aġġent)

## Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjoni nistax jaġi sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 2002/74/KEE tat-23 ta' Settembru 2002 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill Nru 80/987/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni ta' l-impiegati f'każ ta' l-insolvenza ta' min iħaddimhom (ĠU L 270, p. 10)